# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru 2024**

**RIKORS NRU: 81/2024ISB**

**KAWZA NRU: 1**

**Johanna Adriana sive Anne-Marie Fenech Dekkers (KI: 172540L)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-QORTI,**

Rat ir-rikors ta' Johanna Adriana sive Anne-Marie Fenech Dekkers tat-3 ta' Settembru 2024 u li permess tiegħu talbet lill-Qorti sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni xierqa, neċessarja u opportuna, jogħġobha :

i. *Tiddikjara u tordna li jeżistu raġunijiet validi biżżejjed sabiex, ai termini u ai finijiet kollha tal-Artikolu 275 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta), tiġi differita d-data, ossia t-18 ta' Ottubru 2024,*

*li fiha l-isem tas-soċjeta Solitaire Property Limited (C 82585), għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji għal dak iż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun, liema żmien preferibbilment ma għandux ikun qabel tal-inqas diversi snin oħra, għar-raġunijiet imsemmija f'dan ir-rikors;*

ii. *Tiddiferixxi d-data, ossia t-18 ta' Ottubru 2024, li fiha l-isem tas-soċjeta' Solitaire Property Limited (C 82585) għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji għal dak iż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun, ai termini tal-Artikolu 275 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta), u dan taħt dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;*

iii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex minnufih jibgħat kopja ta' tali ordni lir-Reġistratur tal-Kumpanniji għar-reġistrazzjoni tal-istess ordni ta' diffferiment tad-data, u dan ai termini tal-Artikolu 275 (2) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta);*

iv. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex jiddiferixxi l-applikazzioni tad-dispozizzionijiet tal-Artikolu 275(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta) fir-rigward tal-kumpannija Solitaire Property Limited (C 82585), ossia billi jiddiferixxi t-tħassir tal-isem tal-istess soċjeta' mir-Reġistru tal-Kumpanniji għal dak iż-żmien hekk ordnat minn din l-Onorabbli Qorti;*

U dan wara li ppremettiet :

1. *Illi dan huwa rikors li qiegħed isir ai termini u għall-finijiet tal-artikolu 275 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta), senjatament il-proviso tal-artikolu 275 (1) tal-imsemmi Att, għad-differiment ossia estensjoni tad-data li fiha l-isem tas-soċjeta' Solitaire Property Limited (C 82585), minn issa 'l quddiem riferita bħala "**Solitaire Property**", għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji, minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-"**Reġistru**".*

2. *Illi r-rikorrenti għandha pretensjoni ta' kreditu favur tagħha fil-konfront tal-imsemmija soċjeta' Solitaire Property, u dan kif jirriżulta minn proċeduri istitwiti minnha kontra l-imsemmija Solitaire Property, u kif ukoll kontra soċjeta' oħra Best Deal Properties Limited (C 56049), quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Onor. Imħallef Dr. Audrey Demicoli), fl-ismijiet **Johanna Adriana sive Anne-Marie Fenech Dekkers vs. Solitaire Property Limited et**. Tali proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġew istitwiti mir-rikorrenti nhar is-16 ta' Lulju 2024 u jġibu n-numru ta' riferenza 789/2024. Kopja tar-rikors*

*ġuramentat li ġie preżentat mir-rikorrenti jinsab hawn anness u mmarkat bħala* ***Dokument 'A'****.*

3. *Illi l-proċeduri surriferiti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġew appuntati għall-ewwel dehra għad-29 ta' Ottubru 2024, u dan kif jirriżulta mid-Digriet tal-Prim'Appuntament maħruġ mill-istess Onorabbli Qorti datat l-24 ta' Lulju 2024, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dokument 'B'****.*

4. *Illi ai termini ta' avviż ippublikat fuq is-sit elettroniku tar-Reġistru tal-Kumpanniji nhar it-18 ta' Lulju 2024, ossia jumejn wara l-istituzzjoni tal-proċeduri da parti tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjeta' Solitaire Property quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dokument 'Ċ'****, ġie indikat li l-likwidatur tas-soċjeta' Solitaire Property kien bagħat kopja tar-rendikont u tal-iskema ta' distribuzzjoni, flimkien mar-rapport tal-awdituri u l-prospett tal-laqgħa ġenerali, ai termini tal-Artikolu 274 (2) tal-Att dwar il-Kumpanniji, b'effett mit-18 ta' Lulju 2024. Dan l-avviż ġie a konjizzjoni tar-rikorrenti wara li, ftit tal-ġranet ilu, twettqet tfittxija fuq l-istess sit elettroniku tar-Reġistru tal-Kumpanniji.*

5. *Illi ai termini tal-istess avviż tar-Reġistru tal-Kumpanniji, f'nuqqas ta' oppożizzjoni, l-isem tas-soċjeta' Solitaire Property ser jitneħħa mir-Reġistratur nhar it-18 ta' Ottubru 2024, ossia tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-istess avviż.*

6. *Illi ai termini tal-proviso tal-artikolu 275(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji, il-Qorti tista', fuq rikors magħmul fi zmien tliet xhur (ossija sat-18 ta' Ottubru 2024 f'dan il-każ) mill-istralċjarju jew minn xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess, tagħmel ordni li jiddiferixxi d-data li fiha l-isem tas-soċjeta' Solitaire Property għandu jitħassar mir-Reġistru, għal dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u bla ħsara għal dawk il-kondizzionijiet il l-Qorti tista' tagħmel.*

7. *Illi r-rikorrenti tħoss li ċertament hi taqa' fid-definizzjoni ta' 'persuna li għandha interess' li isem is-soċjeta' Solitaire Property ma jitħassarx mir-Reġistru tal-Kumpanniji ai termini tal-liġi, stante l-kreditu li hi għandha fil-konfront tal-istess soċjeta'.*

8. *Illi sad-data tar-rikors odjern, ma jidhirx li s-soċjeta' Solitaire Property ġiet notifikata bil-proċeduri istitwiti mir-rikorrenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema proċeduri – kif indikat suespost – għandhom fi stadju bikri ħafna. Ir-rikorrenti tistma li l-imsemmija proċeduri mhumiex ser ikunu konklużi qabel diversi snin stante li (i) il-proċess tas-smigħ*

*għadu lanqas biss beda, (ii) hemm żewġ konvenuti li lkoll iridu jressqu x-xhieda tagħhom, u (iii) is-sentenza eventwali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tkun soġġetta għal appell mill-partijiet kollha.*

9. *Illi mingħajr l-istituzzjoni ta' dawn il-proċeduri odjerni, isem is-soċjeta' Solitaire Property ser jitneħħa mir-Reġistru tal-Kumpanniji saħansitra sa qabel l-ewwel dehra tal-proċeduri istitwiti mir-rikorrenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

Rat id-Digriet tagħha tad-9 ta' Settembru 2024 u li permezz tiegħu l-kawża tpoġġiet fuq il-lista ta' kawża tas-seduta tat-23 ta' Settembru 2024;

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur tal-Kumpanniji tal-20 ta' Settembru 2024 bid-dokumenti magħha annessa u li permezz tagħha eccepixxa:

*Illi l-kumpanija Solitaire Property Ltd (C 82585) (minn issa 'l quddiem 'il-kumpanija'), kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-15 ta' Settembru 2017;*

*Illi b'riżoluzzjoni straordinarja, l-kumpanija għaddiet għall-proċess ta' xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali nhar l-1 ta' Diċembru 2023 skont l-Artiklu 265(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (minn issa 'l quddiem "l-Att") u liema dikjarazzjoni ta' dan, skont kif rikjest mill-Artiklu 268(1) tal-Att, ġiet notifikata lir-Reġistratur permezz tal-Formola B(1)* ***(Dok. SP1)*** *flimkien mad-dikjarazzjoni li l-kumpanija kienet tista' tħallas id-djun tagħha kollha fi żmien sitt xhur* ***(Dok. SP2)****;*

*Illi s-Sur Louca Loucas huwa l-likwidatur illi kien ġie maħtur skont l-Artiklu 290(1) tal-Att, nhar l-1 ta' Diċembru 2023* ***(Dok. SP3)****;*

*Illi l-kumpanija għaddiet mill-proċess ta' stralċ volontarju u ġew sottomessi d-dokumenti kollha relevanti lir-Reġistratur, skont kif rikjesti mill-Att, inkluż ir-rendikont, l-iskema ta' distribuzzjoni u r-rapport tal-awditur* ***(Dok. SP4)*** *flimkien mal-prospett tal-laqgħa li saret nhar l-10 ta' Lulju 2024;* ***(Dok. SP5)****;*

*Illi r-Reġistratur għaddiet sabiex skont l-Artiklu 275(1) tal-Att, tirreġistra tali dokumenti msemmija u tippubblika l-avviż preskritt fl-Artikolu 401(1)(e) tal-istess Att, liema avviż ġie ppubblikat nhar it-18 ta' Lulju 2024* ***(Dok. SP6)****;*

*Illi t-terminu tat-tliet (3) xhur mill-pubblikazzjoni ndikata f' Dok. SP5 sejjer jiskadi nhar it-18 ta' Ottubru 2024;*

*Illi r-rikors odjern ġie ntavolat nhar it-3 ta' Settembru 2024 u permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeferixxi d-data tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji. Illi r-Reġistratur ġiet notifikata b'dan ir-rikors nhar is-17 ta' Settembru 2024 u*

*għaldaqstant, isem il-kumpanija għadu ma tħassarx minn fuq ir-Reġistru minħabba l-fatt illi għadu għaddej it-terminu ta tlett xhur stipulat mil-liġi, li fihom parti nterrassata tista' toġġezzjona għal tali tħassir, hekk kif tipprovdi l-liġi;*

*Illi skont ir-rikors tar-rikorrenti, jidher illi t-talba tagħha hija msejjsa fuq il-fatt illi r-rikorrenti għandha pretensjoni ta' kreditu favur tagħha fil-konfront tal-imsemmija soċjeta, Solitaire Property Ltd (C 82585) u hekk kif ġie speċifikat fir-rikors, ġew istitwiti proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-istess soċjeta', Solitaire Property Ltd (C 82585) kif ukoll kontra soċjeta' oħra Best Deal Properties Limited (C 56049). Illi hekk kif ġie dikjarat fir-rikors promotur, il-proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ġew appuntati għall-ewwel dehra għad-29 ta' Ottubru 2024;*

*Illi r-Reġistratur m'għandha l-ebda oġġezzjoni sabiex dawn id-drittijiet jiġu eżerċitati mir-rikorrenti u għalhekk hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha li jkunu xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, mingħajr ma jkun hemm ir-riskju illi tali kumpanija tibqa' fuq ir-Reġistru għal żmien inidefinit bla bżonn.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fit-23 ta' Settembru 2024.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 275(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti qegħda, għar-raġunijiet minnha ndikati, titlob lill-Qorti differiment tad-data li fiha l-isem tal-kumpanija Solitaire Property Limited (C82585) għandu jitħassar mir-reġistru tal-kumpaniji.

Mir-rikors promotur jirriżulta illi dan qed jintalab peress illi r-rikorrenti għandha pretensjoni ta' kreditu favur tagħha fil-konfront tal-kumpannija msemmija, pendenti proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-likwidatur tas-soċjeta' msemmija ssottometta r-rendikont u l-iskema ta' distribuzzjoni fit-18 ta' Lulju 2024 u allura l-isem tal-kumpannija, bit-tħaddim tal-provvedimenti tal-liġi, huwa mistenni illi jitneħħa minn fuq ir-Reġistru b'effett mit-18 ta' Ottubru 2024.

Illi l-intimat Reġistratur jikkonferma li l-kumpanija Solitaire Property Limited (C82585) għaddiet mill-proċess ta' stralċ volontarju sakemm gew ppreżentati d-dokumenti finali nkluż mill-iskema ta' distribuzzjoni. Filwaqt illi tikkonferma d-dati mogħtija mir-rikorrenti u li dan ir-rikors odjern ġie ppreżentat fiż-żmien opportun, l-intimat jiddikjara illi huwa ma għandux oġġezzjoni għat-talbiet mressqa.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fl-affidavit tagħha, ir-rikorrenti tikkonferma illi fi Frar 2021 hija kienet xtrat u akkwistat minn għand is-soċjeta' Solitaire Proprerties Limited proprjeta' fil-Qawra, *b'finishing* kif kien speċifikat fuq l-istess kuntratt. Tispjega illi sussegwentament kien irriżulta illi l-*finishings* ma kinux kif kien pattwit u konsegwentament kellha tibda proċeduri ċivili quddiem il-Qrati, liema proċeduri ser jibdew fl-24 ta' Ottubru li ġej. Kien għalhekk neċessarju għaliha illi tressaq dawn l-proċeduri.

Ir-rikorrenti esebiet numru ta' dokumenti mal-affidavit tagħha li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Minn dak dikjarat mir-Reġistratur intimat imma ukoll mid-dokumenti minnu esebiti jirriżulta illi s-soċjeta' Solitaire Property Ltd kienet, f'Jannar 2024, tat l-avviż illi permezz tiegħu skatta l-proċess ta' stralċ volontarju in segwitu għal riżoluzzjoni tal-kumpannija. Ġiet ukoll ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' solvenza tal-kumpanija u fit-18 ta' Lulju 2024 ġew pprezentati l-*liquidation report and accounts* flimkien mal-iskema ta' distribuzzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 275(1) tal-KAP 386** tal-Liġijiet ta' Malta:

> *Malli jirċievi r-rendikont u l-iskema tad-distribuzzjoni, jekk il-każ, flimkien mar-rapport tal-awdituri u wieħed mill-prospetti imsemmija fl-artikolu 274(2), ir-Reġistratur għandu jirreġistrahom*

*minnufih, u malli jgħaddu tliet xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fl-artikolu 401(1)(e) ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-reġistru.*

*Iżda l-qorti tista', fuq rikors magħmul fi żmien it-tliet xhur imsemmija mill-istralċjarju jew minn xi persuna oħra li fil-fehma tal-qorti jkollha nteress, tagħmel ordni li jiddiferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-reġistru għal dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha xieraq u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti tista' tagħmel.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex hija tkun tista` tordna differiment tad-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji.

Qabel xejn, il-Qorti tinnota illi l-liġi trid illi malli jirċievi r-rendikont, l-iskema ta' distribuzzjoni u r-rapport tal-awditur, ir-Reġistratur għandu jirreġistrahom minnufiħ u għandu jgħaddi biex jippubblika l-Avviz ai termini tal-Artikolu 401(1)(e) tal-KAP 386. Fil-każ in eżami, ir-Reġistratur għadda biex ippubblika l-Avviż imsemmi fit-18 ta' Lulju 2024. Illi min dik id-data, beda jiskatta l-perjodu ta' tlett xhur msemmi mill-liġi.

Sodisfatta mill-fatt illi r-rikorrenti ressqet ir-rikors tagħha fiż-żmien propiżju kif trid il-liġi, jibqa' għalhekk illi l-Qorti tistħarreġ jekk ir-rikorrenti hix, fil-fehma tagħha, persuna li għandha l-interess neċessarju biex tressaq talba bħal din.

Ben ppreparata, ir-rikorrenti uriet l-interess tagħha mingħajr ebda dubbju, u mill-affidavit tagħha u d-dokumenti minnha ppreżentati, kif apprezzat aktar' il fuq, il-Qorti ma għandha l-ebda dubbju mill-interess rikjest biex ir-rikorrenti setgħet tressaq din il-proċedura.

Għalhekk, sodisfatti ż-żewġ kriterji li trid il-liġi, il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl tal-provi illi jirriżultaw u ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti qiegħda:

1. **Tiddikjara** li jeżistu raġunijiet validi biżżejjed sabiex, ai termini u ai finijiet kollha tal-Artikolu 275(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta), tiġi differita d-data, ossia t-18 ta' Ottubru 2024, li fiha l-isem tas-soċjeta' **Solitaire Property Limited (C 82585)**, għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji;

2. **Tiddiferixxi** d-data, ossia t-18 ta' Ottubru 2024, li fiha l-isem tas-soċjeta' Solitaire Property Limited (C 82585) għandu jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji għal <u>sena wara</u> illi l-kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bin-numru 789/2024AD tkun għaddiet in ġudikat u dan sabiex jekk ikun il-każ, ikun hemm żmien opportun għall-esekuzzjoni tas-sentenza definittiva. Il-Qorti qed tordna lir-rikorrenti sabiex perjodikament imma almenu darba fis-sena, tibgħat nota lir-Reġistratur intimat sabiex tinfurmah fuq l-andament tal-proċeduri legali msemmija.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex minnufih jibgħat kopja ta' dan il-provvediment lir-Reġistratur tal-Kumpanniji għar-reġistrazzjoni tal-istess ordni ta' diffferiment tad-data, u dan ai termini tal-Artikolu 275 (2) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta).

4. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex jiddiferixxi l-applikazzioni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 275(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta) fir-rigward tal-kumpannija Solitaire Property Limited (C 82585), ossia billi jiddiferixxi t-tħassir tal-isem tal-istess soċjeta' mir-Reġistru tal-Kumpanniji fit-termini hawn fuq deċizi.

**Bl-ispejjeż** ta' din il-proċedura illi għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**